# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

## IMHALLEF : ONOR. DR. GINO CAMILLERI LL.D.

**Seduta tal-5 ta' Lulju 2002**

**Citazzjoni numru 162/2002 GC**

**Bay Street Holdings Limited gia Bronville Limited proprio u bhala successur tas-socjeta Bay Street Operations Limited gia Bay Street Limited**

**vs**

**Jonathan Grima**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn is-socjeta attrici ppremettiet:-

Illi s-socjeta' attrici hija kreditrici tal-konvenut fis-somma ta' wiehed u ghoxrin elf tmien mija u hamsa u sebghin lira u hamsin centezmu (Lm 21,875.50) inkwantu ghal:-
(a) Lm16,510.79 - "operator's fees";
(b) Lm610.14 - imghax fuq l-imsemmija "operator's fees" sal-1 ta' Frar2002;
(c) Lm1,823.54 - "Management and Marketing Charges";
(d) Lm48.05 - "imghax fuq l-imsemmija Management and Marketing Charges " sal 1-ta' Frar 2002;
(e) Lm2,315.41 - ghal provista ta' elettriku , air-conditioning u servizzi simili u ancillari;
(f) Lm46.31 - imghax fuq is-somma ta' Lm 2,315.41 sa1-1 ta'Frar 2002;
(g) Lm367.67 - ghal-provista ta' ellettriku u sevizzi simili u ancillari ikkunsmati wara dawk imsemmija fil-pargrafu (e) supra; u
(h) Lm 153.59 - "imghax fuq operator's fees " li gew imhallsa tardivament;
u dan kollu rigwardanti l-hanut "Ta Mari Roz" ill s-socjeta' attrici kkoncediet lill-konvenut li jopera mill-Bay Street Complex go St George's Bay, San Giljan u liema somma ta' Lm21,875.50 l-konvenut suppost ilu li hallas.

Illi l-konvenut nonostante l-fatt ill gie interpellat sabiex ihallas l-imsemmija somma baqa' inadempjenti;

Ghalhekk is-socjeta attrici talbet li l-konvenut jghid il-ghaliex, ghar-ragunijiet premessi u dispensat is-smiegh tal-kawza a tenur ta' l-artikolu 167 et seq tal-kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili u in vista ta' l-affidavit ta' James Davis (Dok A ), m'ghandiex din il-Qorti:-

1. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici l-imsemmija somma ta' wiehed u ghoxrin elf tmien mija u hamsa u sebghin lira u hamsin centezmu (Lm21,875.50);

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra ufficcjali tal-5 ta' Dicembru 2001 u tal-mandati ta' qbid u sekwestru ppresentati kontestwalment u bl-imghax legali fuq s-somma ta' Lm16,510.79, Lm1823.54, Lm2,315.41 u Lm 367.67 mill-1 ta'Frar 2002 sad-data ta' l-effettiv pagament kontra l-konvenut li gie ngunt in subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta attrici debitament konfermata bil-gurament;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat li l-konvenut naqas li jidher;

Semghet lix-xhud tas-socjeta attrici;

Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta' Gunju 2002;

Ikkonsidrat:

Mill-provi prodotti t-talbiet attrici jirrizultaw sufficjentement ippruvati u ghalhekk ghandhom jigu akkolti;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa t-talbiet attrici u b'hekk tikkundanna l-konvenut ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' wiehed u ghoxrin elf tmien mija u hamsa u sebghin lira u hamsin centezmu (Lm21,875.50) bl-imghaxxijiet kollha legali mill-1 ta' Frar 2002 sad-data ta' l-effettiv pagament u dana ghar-ragunijiet kollha indikati fic-citazzjoni;

Spejjez kontra l-konvenut.